GVERN TA' MALTA

riformi

# PRINĊIPJI U SALVAGWARDJI PROPOSTI

## DWAR L-EWTANASJA **VOLONTARJA ASSISTITA**

# PRINĊIPJI U SALVAGWARDJI PROPOSTI

## DWAR L-EWTANASJA **VOLONTARJA ASSISTITA**

# Il-kriterji proposti tal-eliġibbiltà għall-ewtanasja volontarja assistita huma stretti u hemm għadd ta' salvagwardji bit-tliet ċertifikati ta' professjonisti mediċi u proċess ta' sorveljanza minn bord regolatorju.

**Mhux kull min għandu marda terminali ser ikun jista' jagħmel l-ewtanasja volontarja assistita.**

## Min jista' jagħmel l-ewtanasja volontarja assistita?

It-talba għall-ewtanasja volontarja assistita tista' ssir **BISS** bir-rieda espressa, libera u dokumentata tal-persuna li tkun qiegħda tbati minn marda terminali irriversibbli li tissodisfa numru ta' kriterji. Il-pazjent irid ikollu 18-il sena jew aktar, u jagħti prova permezz tal-Karta tal-Identità li ilu residenti Malta tal-lanqas 12-il xahar.

Biex pazjent jikkwalifika għall-ewtanasja volontarja assistita jinħtieġ li jkollu ċertifikat mill-ispeċjalista tal-branka medika tal-marda tiegħu li jiċċertifika li raġonevolment il-marda ser ittemmlu ħajtu fi żmien 6 xhur.

## Ċertifikat wieħed biżżejjed?

**Le, ċertifikat wieħed mhux biżżejjed.**

Apparti ċ-ċertifikat tal-ispeċjalista, ċertifikat addizzjonali minn tabib ieħor huwa meħtieġ sabiex jikkonferma li tabilħaqq il-kundizzjoni medika tal-pazjent hija terminali u irriversibbli. Barra minn hekk, ċertifikat ta' psikjatra huwa wkoll meħtieġ sabiex jiċċertifika li l-pazjent hu fi stat ta' saħħa mentali li jista' jieħu deċiżjoni għalih innifsu u li qiegħed jieħu deċiżjoni infurmata.

It-tim mediku li jkun qiegħed jassisti lill-pazjent għandu d-dmir li jinformah bis-servizzi tal-kura palljattiva li tgħin biex tnaqqas it-tbatija tiegħu.

## X'tikkostitwixxi marda terminali u irriversibbli?

Id-definizzjoni legali ta' marda terminali hija li l-pazjent għandu marda terminali jew kundizzjoni medika progressiva li ser twassal għat-tmiem tal-ħajja tiegħu, u li bl-ebda mod ma tista' tiġi mfejqa jew megħluba. Konsegwenza ta' dawn il-fatti mediċi, il-professjonist mediku jkun jista' jasal għall-konklużjoni raġonevoli illi l-aspettattiva tal-ħajja tal-pazjent mhix ser tiskorri l-perjodu ta' 6 xhur.

## Min ser jirregola l-proċess?

Ser ikun hemm bord regolatorju fi ħdan il-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva mmexxi minn eks ġudikant u b'membri mill-professjoni medika u legali għandu jkun infurmat bil-każ. Il-bord, b'mod attiv, ser isegwi l-proċess kollu u fi żmien preskritt ta' mhux aktar minn ġimagħtejn għandu jagħti d-deċiżjoni tiegħu wara li jkun tkellem kemm mal-professjonisti mediċi li għamlu ċ-ċertifikati u mal-pazjent innifsu wara li jkun jingħata perjodu ta' riflessjoni dwar id-deċiżjoni tiegħu.

Il-pazjent, fi kwalunkwe mument tal-proċess, għandu d-dritt ibiddel fehmtu u jerġa' lura mid-deċiżjoni tiegħu.

## X'inhi l-proċedura biex issir l-ewtanasja volontarja assistita?

Wara li jkun hemm l-approvazzjoni tal-bord regolatorju, il-proċedura tal-ewtanasja volontarja assistita tista' ssir **BISS** f'post dedikat apposta fi sptar tal-gvern jew fir-residenza privata tal-pazjent skont ix-xewqa tiegħu.

Il-pazjent għandu jiddeċiedi jekk iridx li l-qraba tiegħu jkunu preżenti u x-xewqat u l-għażliet tal-pazjent għandhom dejjem ikunu rispettati.

Il-proċedura finali għandha dejjem issir b'dinjità u b'empatija u fil-preżenza ta' professjonist mediku li jassisti lill-pazjent li wara li jagħti mill-ġdid l-kunsens tiegħu, għandu hu stess iwettaq l-proċedura finali li twassal għat-tmiem tal-ħajja tiegħu.

F'każ ta' limitazzjoni ta' saħħa fiżika, il-pazjent jista' jiddelega dan l-inkarigu bil-miktub permess ta' health care proxy lil persuna tal-fiduċja tiegħu li tkun lesta taċċetta dan l-inkarigu.

It-terminazzjoni tal-ħajja bl-ewtanasja volontarja assistita għandha titqies bħala mewta naturali wara li l-bord regolatorju jivverifika u jiċċertifika li ġew segwiti l-proċeduri kollha tal-liġi.

## X'kontrolli ser ikun hemm fil-proċedura finali?

Kull apparat meħtieġ u/jew mediċina preskritta biex iseħħ ir-rieda tal-pazjent għall-ewtanasja volontarja assistita għandhom ikunu provduti mill-ispiżerija tal-isptarijiet tal-gvern bħala parti mis-servizz tas-saħħa nazzjonali.

Il-professjonist mediku li jassisti lill-pazjent fil-mument finali għandu jassigura personalment li l-apparat u l-mediċina li ma tintużax ikunu ritornati fi żmien 24 siegħa lill-ispiżerija tal-isptar tal-gvern minn fejn ikunu ttieħdu.

## Hemm salvagwardji oħra li jassiguraw prattiċi etiċi?

**Iva, hemm numru ta' salvagwardji oħra.**

Ħadd, lanqas it-tim mediku m'għandu jipproponi jew b'xi mod jippressa lill-pazjent għall-ewtanasja volontarja assistita. Jekk dan jirriżulta f'xi stadju, ikun reat kriminali u jittieħdu passi skont il-liġi.

Il-bord regolatorju huwa fid-dmir li jirrapporta lill-awtoritajiet konċernati jekk jirriżultaw suspetti ta' każijiet bħal dawn.

Jekk f'xi stadju jirriżulta li l-pazjent saritlu pressjoni biex jitlob l-ewtanasja volontarja assistita, u jew il-pazjent ibiddel fehmtu, il-proċess għandu jieqaf minnufih.

Il-proċeduri tal-ewtanasja volontarja assistita, taħt l-ebda ċirkustanzi ma jippermettu li dawn jiġu kummerċjalizzati bi skop ta' profitt u għalhekk ser isiru fil-kuntest tas-servizzi tas-saħħa pubblika.

Il-bord regolatorju huwa fid-dmir li jżomm audit trail ta' kull każ u darba fis-sena għandu jippubblika statistika ta' talbiet li jkunu saru, in-numru ta' każijiet li ġew miċħuda u r-raġuni għal dan, każijiet li ġew interrotti għaliex il-pazjent ikun biddel fehmtu jew għal xi raġuni oħra u n-numru ta' każijiet ta' ewtanasja volontarja assistita li jkunu twettqu.

## Min ma jikkwalifikax għall-ewtanasja volontarja assistita?

Ħadd ma jikkwalifika għall-ewtanasja volontarja assistita **ĦLIEF** il-pazjenti biss li jissodisfaw il-kriterji stabbiliti tal-eleġibilità kif spjegati aktar 'il fuq.

Persuni b'diżabbiltà, persuni bi problemi ta' saħħa mentali u persuni bi problemi ta' saħħa assoċjati mal-anzjanità ma jistgħux jagħmlu l-ewtanasja minħabba dawn il-kundizzjonijiet.

## Il-professjonist mediku jista' jirrifjuta li jipparteċipa fil-proċess tal-ewtanasja volontarja assistita?

Iva, il-professjonista mediku jista' jirrifjuta li jieħu sehem f'kull stadju tal-proċess li jwassal għall-ewtanasja volontarja assistita. Fl-istess waqt, kull professjonista mediku huwa fl-obbligu li jirrispetta r-rieda u x-xewqa tal-pazjent u għaldaqstant għandu jirriferi lill-pazjent għand professjonisti oħra.

## B'testment mediku (living will) jew b'direttivi mediċi avvanzati tista' titlob għall-ewtanasja?

It-testment mediku, (li jissejjaħ ukoll advance medical directives jew advance care plan), huma utli ħafna kemm għall-pazjenti, għall-familja u għat-tim mediku għaliex jipprovdu x'tip ta' kura l-persuna tkun trid għal bosta kundizzjonijiet tas-saħħa. Madankollu, jekk f'dawn issir talba għall-ewtanasja volontarja assistita ma tistax issir sakemm il-pazjent ma jkunx issodisfa l-kriterji tal-eleġibilità.

## Xi skop hemm li persuna tagħmel testment mediku?

Hemm diversi sitwazzjonijiet mediċi li għalihom, persuna b'għażla infurmata, tkun tista' tistabbilixxi għaliha nnifisha x'tip ta' kura u trattament tkun trid jew ma tridx f'każ li f'xi mument f'ħajjitha tkun tinħtieġ tali kura. Il-professjonisti mediċi għandhom jirrispettaw l-awtonomija tal-pazjent u jimxu skont kif ikun provdut f'dawn il-medical advance directives jew care plans.

## Kif jistgħu jsiru testmenti mediċi li jipprovdu care plans?

Hemm diversi mudelli dwar kundizzjonijiet mediċi varji li jistgħu jiġu konsultati. Idealment il-persuna għandha tieħu parir infurmat minn professjonista mediku tal-fiduċja tagħha. It-testment mediku bil-care plan ikun irid issir quddiem Nutar Pubbliku u jkun reġistrat u aċċessibbli f'forma diġitali fuq is-sistema myHealth u idealment ikunu infurmati bih il-membri tal-familja.

Il-persuna, fi kwalunkwe mument ta' ħajjitha, għandha dritt tvarja dawn id-direttivi li jikkonċernaw l-kura tagħha.

# noti

GVERN
TA' MALTA

riformi